# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 10 ta' Lulju 2001**

**Avviz. numru 1418/99**

**Numru 2**

**Express Trailers Limited**

**vs**

**Marga Company Limtied**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' sebgha mija erbgha u tmenin lira u zewg centezmi Maltin (Lm784.02) dovuta mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici ghall-garr ta' merkanzija u spejjez ohra relatati skond il-fattura annessa mal-avviz u mmarkata Dokument A; liema somma ma thallsitx mis-socjeta konvenuta nonostante diversi interpellazonijiet li saru lis-socjeta konvenuta u minkejja li s-socjeta' konvenuta ghaddiet lis-socjeta' attrici cekk tal-Bank of Valletta mahrug fit-tnax (12) ta' April, 1999, liema cekk ma giex onorat mill-istess bank (kopja tac-cekk

u korrispondenza relatata gew annessi mal-avviz u mmarkati bhala dokumenti B, C, D, u E.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat tas-sekwestru u l-mandat ta' qbid pprezentati mal-avviz u bl-imghax kummercjali kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-nota ta' cessjoni tat-2 ta' Lulju 2001 li biha s-socjeta' attrici cediet l-istess meritu tal-kawza pero zammet ferm fuq il-kap tal-ispejjez.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fit-2 ta' Lulju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu tilqa t-talba attrici in rigward l-kap tal-ispejjez u tikkundanna lis-socjeta'

konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji ta' qbid ta' sekwestru tat-30 ta' Settembru 1999.

Alan Calleja
Dep.Reg